MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Numru 1383/2011

Il-Pulizija

(Spettur Rodrick Agius)

vs

Darren Micallef

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Darren Micallef ta' karta ta' identita' numru 248986m akkuzat talli:

1. fis-26 ta' Ottubru 2010 fil-bitha tal-kumpanija Aquatess Marketing Ltd fi Triq Ghar Ram tal-Handaq, Qormi, u f'dawn il-Gzejjer hebb ghal John Urry sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmel hsara lil din il-persuna;
2. fl-istess, hin, lok u cirkostanzi lil John Urru ikkagunalu feriti ta' natura gravi fil-halq, liema feriti jgibu sfegju gravi u permanenti fil-halq hekk kif iccertifikat minn Dr. Jean Paul Demajo;

3. fl-istess, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubbliku b'ghajjat u glied;
4. fl-istess hin, lok u cirkustanzi ghamel ingurji u theddid anki jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu u l-artikoli tal-ligi minnhu citati bghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn dina l-Qorti fin-nuqqas ta' oggezzjoni minn naha tal-imputat;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema' u tigi deciza sommarjament minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumrnti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-provi juru li l-incident li ta'origini ghal dawn il-proceduri kontra l-imputat sehh fis-26 ta' Ottubru 2010 gewwa l-fabbrika "Aquatess" ta' tal-Handaq. Fil-kuntest tal-akkuzi jirrisulta li l-imputat u l-parti leza kienu jahdmu fl-imsemmija 'Aquatess', l-imputat bhala haddiem u l-parti leza bhala manager. L-incident 'de quo' avverra ruhu fil-waqt li fil-hin u data indikata fl-akkuza waqt li x-xoghol fuq il-linja tal-assemmblage kien wieqaf temporanjament minhabba hsara f'xi makkinarju, dahal il-kwerelant u mat-tieni darba qabad jghajjat mal-haddiema ghaliex, fi kliemu, kienu qeghdin 'ipacpcu'. Hawnhekk jidher li l-imputat hassu offiz bl-ghajjat tal-kwerelant. Ghalhekk gabar hwejjgu u ghamel biex jitlaq izda kif wasal fil-bitha tal-fabbrika, bil-kwerelant miexi warajh, dar lejh u fajjarlu daqqa f'halqu tali li kissirlu snienu.

Dawn huma l-fatti fil-qosor fuq liema l-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju akkuza lill-imputat b' offiza gravi u permanenti flimkien ma'offizi kontravenzjonali ta' hebb, ingurji, theddid u ksur tal-paci pubblika.

Rigward l-offiza gravi u permanenti hi tirrizulta fit-telf tas-sinna ta' quddiem tal-parti leza li spiega li kellu jirrikorri ghand dentist biex dina tigi trattata. Xehed ukoll d-dentist li minn naha tieghu fisser x'kien it-trattament. Spiega li l-ewwel stadju kien il-qlugh tas-sinna segwit bis-sostituzzjoni taghha b'sinna artificjali ghal zmien temporanju u gheluq sitt xhur billi saritlu sinna permanenti.

Xhieda okluari xehdu fil-persuni ta' Yoshiko Urry (fol.15) u Pierre Borg (fol.42). Ta' l-ewwel xehed li lill-imputat u l-parti leza rohom jarrgumentaw fil-bitha, f'hin minnhom rohom jersqu vicin xulxin, u, ra lil-imputat jaghti daqqa ta' ponn lill-parti leza.  It-tieni stqarr li kien gewwa l-fabbrika meta waqfet l-magna minghajr tikketti tal-ibbottiljar u dahal l-kwerelant li beda jghajjat mal-imputat. Bdew jargumentaw u f'hin minnhom l-parti leza indirizzat lill-imputat u qallu li jekk kien idejjaq setgha jitlaq. L-imputat fil-fatt hekk ghamel u x-xhud rah jitlaq 'il barra "bil-kwiet". Zied jghid li hu kompla fuq xogholi sakemm ghajtulu minhabba li kienu qed jiggieldu.  Lahaqhom fl-ahhar tal-glieda. Lill-imputat sabu mal-art u ghenu anke jigbor l-affarjiet li kellu f'basket li kienu mxerda mal-art.

Id-difiza tal-imputat ai fini li tipprova tiskredita lill-kwerelant irreferit ghal fatt li r-rapport lill-pulizija huwa ghamlu biss seba xhur wara l-akkadut. Ghal dan hemm raguni. F’kull kaz lanqas ma jbiddel xejn mill-fatt tal-ferita gravi sofferta minnhu u mill-fatt li kien l-imputat li ipprokurajilu.

Fil-fehma tal-Qorti ghalkemm huwa minnu li l-kwerelant gholla lehnu mal-imputat quddiem shabu l-ohra, u meta ikkonfrontaw lill-xulxin fil-bitha tal-fabbrika, l-kwerelant imbuttah, dan pero’ ma jesonerax lill-imputat tal-offiza gravi li rreka lill-kwerelant. Ghalkemm tista’ talvolta tigi intravista xi forma ta’ provokazzjoni hi ghal kollox nieqsa, fil-fehma tal-Qorti, l-element tal- proporzjonalita’. Ergo, tghid il-Qorti, l-offiza fuq il-kwerelant ma tistax titqies bhala li tista’ tibbenefika minn xi forma ta’ skuzanti. Mill-banda l-ohra ma tarax li tezisti l-permanenza fl-offiza gravi gja la darba s-sinna giet sostitwita minghajr ebda konsegwenza negattiva.

Inghad dan, tiddecidi l-kawza billi issib l-imputat hati talli fis-26 ta’ Ottubru 2010 fil-bitha tal-kumpanija Aquatess Marketing Ltd ikkaguna lil John Urry feriti ta’ natura gravi fil-halq. Rat l-Artikolu 216(1)(ii) tal-Kap 9. Ikkonsidrat l-attenwanti generici. Tikkundannah tlettax il-xahar prigunerija li qeghdin jigu sospizi ghal sentejn mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat punibbli bi prigunerija f’dan iz-zmien operattiv u dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9. Rat l-Artikolu 17(d) tal-Kap 9 dwar il-konkors ta’ reati u pieni u tilliberah mill-bqija.

Il-Qorti fehmet lill-imputat r-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------